

32005R1003

L 170/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.7.2005

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1003/2005

tat-30 ta' Ġunju 2005

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' Gallus gallus u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2160/2003**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-salmonella u aġenti zoonotiċi oħra speċifika li jinġarru mill-ikel <sup>(1)</sup> u, partikolarment l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 13 tiegħu;

Billi:

- (1) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa li jassigura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għall-individwazzjoni u l-kontroll tas-salmonella u aġenti zoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, partikolarment fil-livell ta' produzzjoni primarja, sabiex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju li dawn ifissru lis-saħħa pubblika.
- (2) Taħt dak ir-Regolament, għandha tiġi stabbilita mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi tas-salmonella kollha b'sinifikat għas-saħħa pubblika fil-qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* fil-livell ta' produzzjoni primarja.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jipprevedi li l-mira Komunitarja tinkludi espressjoni numerika tal-perċentwal massimu ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi u/jew il-perċentwal minimu ta' tnaqqis fin-numru ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi, il-limitu massimu ta' żmien li fih għandha tintlaħaq il-mira, kif ukoll id-definizzjoni ta' l-iskemi ta' ttestjar meħtieġa għall-verifika tal-kisba tal-mira. Għandha tinkludi wkoll definizzjoni, fejn xieraq, tas-serotipi b'sinifikat għas-saħħa pubblika.
- (4) Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li għal perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin, il-mira Komunitarja għall-qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* se tkopri l-iktar ħames serotipi frekwenti tas-salmonella fis-salmonellosis umana, li se jiġu identifikati fuq il-bażi tad-dejta miġbura permezz ta' sistemi Komunitarji ta' sorveljanza.
- (5) It-tagħrif mis-sistemi Komunitarji ta' sorveljanza juri li l-iktar ħames serotipi tas-salmonella frekwenti fis-salmonellosis umana huma *s-Salmonella* Enteritidis,

is-*Salmonella* Hadar, is-*Salmonella* Infantis, is-*Salmonella* Typhimurium u s-*Salmonella* Virchow. Għalhekk, il-mira Komunitarja stabbilita b'dan ir-Regolament għandha tkopri dawn is-serotipi.

- (6) Sabiex tiġi f'fissata l-mira Komunitarja, għandha tkun disponibbli dejta komparabbli dwar il-prevalenza tas-serotipi tas-salmonella kkonċernati f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* fl-Istati Membri. Ir-rekwiżiti minimi għall-kontroll tas-salmonella skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE <sup>(2)</sup> ntużaw bħala bażi għall-għbir tad-dejta rilevanti dwar il-prevalenza fl-Istati Membri. Tagħrif bħal dan inġabar matul perjodu xieraq ta' żmien fl-Istati Membri kollha fis-sena 2004.
- (7) Sabiex tkun ivverifikata l-kisba tal-mira u fid-dawl tal-prevalenza relattivament baxxa tas-serotipi rilevanti tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* fil-Komunità, jinħtieġ li jiġi organizzat teħid repetittiv ta' kampjuni minn numru rappreżentattiv ta' qatgħat ta' daqs suffiċjenti, li għandu jkun ta' 250 tajra jew aktar, kif meħtieġ skond id-Direttiva 92/117/KEE.
- (8) L-iskema ta' ttestjar meħtieġa għall-verifika tal-kisba tal-mira Komunitarja hija sinifikament differenti u possibbilment tkun iktar sensitiva mill-iskema li ntużat fil-għbir ta' dejta komparabbli fl-Istati Membri skond id-Direttiva 92/117/KEE. Għalhekk, jinħtieġ li jsiru provvedimenti għal reviżjoni tal-mira Komunitarja wara massimu ta' sena implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' kontroll korrispondenti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 38. Id-Direttiva revokata mid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

- (9) Minħabba dak il-perjodu ta' ġbir ta' tagħrif, ma kinitx disponibbli fil-ħin dejta komparabbli qabel l-istabbiliment tal-mira Komunitarja fi żmien id-data stipulata fl-Anness I tar-Regolament 2160/2003 fir-rigward ta' qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus*. Id-data ta' l-istabbiliment ta' dik il-mira għandha għalhekk tiġi estiża b'sitt xhur u r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 għandu jiġi emendat skond dan.
- (10) Il-miżuri previsti fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 għall-istabbiliment tal-mira Komunitarja f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* matul il-perjodu ta' tranżizzjoni huma bbażati fuq il-metodoloġija għall-kontroll tas-salmonella stabbilita diġà skond id-Direttiva 92/117/KEE, filwaqt li l-aspetti l-oħra tal-miżuri huma marbuta mal-ġestjoni tar-riskju. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament thejjeu fi grupp ta' ħidma bis-sehem ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA). Mingħajr preġudizzju għar-reqwizit tal-konsultazzjoni ma' l-EFSA previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) 2160/2003 dwar kull kwistjoni li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-saħħa pubblika, konsultazzjoni formali ma' l-EFSA mhijiex meħtieġa f'dan l-istadju.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### Mira Komunitarja

1. Il-mira Komunitarja għat-tnaqqis tas-*Salmonella* Enteritidis, is-*Salmonella* Hadar, is-*Salmonella* Infantis, is-*Salmonella* Typhimurium u s-*Salmonella* Virchow f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus*

*gallus* se tkun tnaqqis tal-perċentwal massimu ta' qatgħat ta' adulti għat-tgħammir li fihom għallinqas 250 tajra li jibqgħu pożittivi sa 1 % jew inqas sal-31 ta' Diċembru 2009.

Madankollu, għall-Istati Membri b'inqas minn 100 qatgħa għat-tgħammir, mhux iktar minn qatgħa ta' adulti għat-tgħammir għandha tibqa' pożittiva.

2. L-iskema ta' ttestjar għall-verifika tal-kisba tal-mira Komunitarja hi stipulata fl-Anness.

#### Artikolu 2

#### Revizzjoni

Il-Kummissjoni se tirrevedi l-mira Komunitarja stipulata fl-Artikolu 1 fid-dawl tar-riżultati ta' l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' kontroll approvati skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

#### Artikolu 3

#### Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 2160/2003

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, it-test fil-kolonna 4 ta' l-ewwel ringiela jinbidel b'dan li ġej:

“18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament”

#### Artikolu 4

#### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament se jidhul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Lulju 2005.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-30 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX kif hemm referenza dwaru fl-Artikolu 1(2)

**Skema ta' ttestjar meħtieġa għall-verifika tal-kisba tal-mira Komunitarja għat-tnaqqis tas-Salmonella Enteritidis, is-Salmonella Hadar, is-Salmonella Infantis, is-Salmonella Typhimurium u s-Salmonella Virchow f'qatgħat ta' adulti għat-tgħammir ta' Gallus gallus**

**1. Il-qafas għat-teħid tal-kampjuni**

Il-qafas għat-teħid tal-kampjuni se jkopri kull qatgħa ta' adulti għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* li tikkonsisti għal-linqas f'250 tajra ("qatgħat għat-tgħammir").

**2. Sorveljanza fil-qatgħat għat-tgħammir**

**2.1. Il-post, il-frekwenza u l-istatus tat-teħid tal-kampjuni**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-kampjuni jittieħdu minn qatgħat għat-tgħammir fuq l-inizjattiva ta' l-operatur u bħala parti minn kontrolli uffiċjali.

**2.1.1. Teħid ta' kampjuni fuq l-inizjattiva ta' l-operatur**

It-teħid tal-kampjuni se jseħħ kull sentejn fil-post iddeżinjat mill-awtorità kompetenti minn bejn dawn iż-żewġ għażliet possibbli:

- a) fil-mafqas; jew
- b) fl-istabbiliment.

L-awtorità kompetenti se timplimentà waħda mill-għażliet ta' hawn fuq fl-iskema ta' ttestjar kollha, u se twaqqaf proċedura sabiex l-individwazzjoni tas-serotipi tas-salmonella li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(1) ("is-salmonella rilevanti") matul it-teħid tal-kampjuni fuq l-inizjattiva ta' l-operatur tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti mill-operatur, dak li jieħu l-kampjuni jew il-laboratorju li jwettagħ l-analiżi.

**2.1.2. Teħid ta' kampjuni bħala parti minn kontroll uffiċjali**

Mingħajr preġudizzju lill-Anness II, Parti C.2 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, it-teħid uffiċjali tal-kampjuni se jikkonsisti fi:

**2.1.2.1. Jekk it-teħid tal-kampjuni fuq inizjattiva ta' l-operatur isir fil-mafqas:**

- a) teħid ta' rutina ta' kampjuni kull 16-il ġimgħa fil-mafqas, li f'dik l-okkażjoni jieħu post it-teħid korrispondenti fuq l-inizjattiva ta' l-operatur;
- b) teħid ta' rutina ta' kampjuni fl-istabbiliment f'żewġ okkażjonijiet matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni, li l-ewwel waħda tkun fi żmien erba' ġimgħat wara l-qalba għall-fażi tal-produzzjoni tal-bajd jew it-trasferiment għall-istabbiliment tal-produzzjoni tal-bajd u t-tieni waħda tkun lejn l-aħħar tal-fażi tal-produzzjoni tal-bajd, mhux iktar kmieni minn tmien ġimgħat qabel tmien iċ-ċiklu tal-produzzjoni;
- c) teħid konfermattiv ta' kampjuni fl-istabbiliment, wara l-individwazzjoni tas-salmonella rilevanti minn teħid ta' kampjuni fil-mafqas.

**2.1.2.2. Jekk it-teħid ta' kampjuni fuq l-inizjattiva ta' l-operatur isir fl-istabbiliment, it-teħid ta' rutina ta' kampjuni għandu jsir fi tliet okkażjonijiet matul iċ-ċiklu ta' produzzjoni:**

- a) fi żmien erba' ġimgħat wara l-qalba għall-fażi tal-produzzjoni jew it-trasferiment għall-istabbiliment tal-produzzjoni tal-bajd;
- b) lejn tmien il-fażi tal-produzzjoni tal-bajd, mhux iktar kmieni minn tmien ġimgħat qabel tmien iċ-ċiklu ta' produzzjoni;
- c) matul il-produzzjoni, f'kull ħin li hu distanti biżżejjed mill-kampjuni msemmija fil-punti (a) u (b).

**2.2. Protokoll għat-teħid tal-kampjuni**

**2.2.1. Teħid ta' kampjuni fil-mafqas**

Għal kull qatgħa għat-tgħammir, il-kampjun se jikkonsisti f'minimu ta' kampjun wieħed kompost ta' l-inforri tal-qfief għat-tifqis – viżibbilment imċappsa - meħuda bl-addoċċ minn ħames qfief tal-mafqas separati jew ħames postijiet separati fil-mafqas, sabiex jintlaħaq total ta' għallinqas 1 m<sup>2</sup>. Jekk il-bajd għat-tifqis minn qatgħa għat-tgħammir qegħdin fiktur minn inkubatur wieħed, għandu jittieħed kampjun kompost wieħed bħal dan minn kull inkubatur.

F'każi fejn mhumiex użati inforri tal-qfief għat-tifqis, jittieħdu 10g ta' qxur tal-bajd imkisser minn 25 qoffa għat-tifqis separata, jitfarrku, jitħalltu u jittieħed 25g sub-kampjun.

Dik il-proċedura se tissegwa għal teħid ta' kampjuni fuq l-inizjattiva ta' l-operatur kif ukoll għal teħid uffiċjali ta' kampjuni.

#### 2.2.2. Teħid ta' kampjuni fl-istabbiliment:

##### 2.2.2.1. Teħid ta' kampjuni ta' rutina fuq l-inizjattiva ta' l-operatur

It-teħid ta' kampjuni se jikkonsisti primarjament f'kampjuni fekali u se jimmira għall-individwazzjoni tal-1 % ta' prevalenza fil-qatgħa, b'limitu ta' affidabbiltà ta' 95 %. Għal dan il-għan, il-kampjuni se jikkonsistu f'wieħed minn dawn li ġejjin:

- a) Feċi mħallta magħmula minn kampjuni separati ta' feċi friski li lkoll jiżnu mhux inqas minn 1g meħuda bl-addoċċ minn għadd ta' siti fil-bini fejn jinżammu t-tajr, jew fejn it-tajr għandhom aċċess liberu għal iktar minn bini wieħed fi stabbiliment partikolari, minn kull grupp ta' bini fl-istabbiliment li fih jinżammu t-tajr. Għall-analiżi, il-feċi jistgħu jitħalltu sa minimu ta' żewġ kampjuni mħallta.

L-għadd ta' siti li minnhom jittieħdu kampjuni separati ta' feċi sabiex jingħaqdu f'kampjun imħallat ikun kif ġej:

Numru ta' tajr miżmuma f'bini	Numru ta' kampjuni ta' feċi li għandhom jittieħdu minn bini jew grupp ta' bini fl-istabbiliment
250-349	200
350-449	220
450-799	250
800-999	260
1 000 jew aktar	300

- b) Ħames pari ta' tajjar għall-buz:

It-tajjar għall-buz użati għandhom ikunu jassorbixxu biżżejjed sabiex jixorbu l-umdità. Kalzetti tat-tip "tube-gauze" huma aċċettabbli wkoll.

Il-wiċċ tat-tajjara għall-buz għandu jixxarrab f'it b'dilwent adatt (bħal 0.8 % klorur tas-sodju, 0,1 % peptun filma dejonizzat sterili, jew ilma sterili).

Il-mixi għandu jsir b'mod li jittieħdu kampjuni rappreżentattivament mill-partijiet kollha tas-settur, inklużi żoni maħmuġa jew miksija bil-paletti meta l-paletti jkunu sikuri biex wieħed jimxi fuqhom. Il-gallinari separati kollha f'bini għandhom ikunu inklużi fit-teħid ta' kampjuni. Meta jitlestha t-teħid ta' kampjuni fis-settur magħzúl, it-tajjar tal-buz għandu jitneħħa bil-galbu sabiex ma jinqala' l-ebda materjal imwaħħal.

Għall-analiżi, it-tajjar tal-buz jista' jitħallat f'minimu ta' żewġ kampjuni komposti.

- c) F'qatgħat għat-tgħammir li jinżammu fil-gaġeġ, it-teħid ta' kampjuni jista' jikkonsisti f'feċi mħallta b'mod naturali miġbura miċ-ċineġ li jwaqqgħu il-bajd għall-ġbir, mill-barraxa jew mill-fosos fondi, skond it-tip ta' bini. Żewġ kampjuni ta' għallinqas 150g għandhom jingħabru sabiex jiġu ttestjati individwalment:
- i) iċ-ċineġ li jwaqqgħu il-bajd għall-ġbir taħt kull saff ta' gaġeġ li jitħaddmu regolament u li jarmu ġo sistema għamla ta' trapan jew konvejer
  - ii) Sistema ta' twaqqiġ tal-ħmieġ ffossa fejn ikun hemm difletturi (apparat li jibdel id-direzzjoni) taħt il-gaġeġ li jitqaxxru fid-direzzjoni ta' fossa fonda taħt il-bini;
  - iii) Sistema ta' twaqqiġ tal-ħmieġ ffossa f'bini b'gaġeġ imtarrġa fejn il-gaġeġ jiġu żbilanċjati u l-feċi jaqgħu direttament fil-fossa.

Normalment ikun hemm bosta safef ta' gaġeġ f'bini. Feċi mħallta minn kull saff għandhom ikunu rrappreżentati fil-kampjun komplessiv imħallat. Żewġ kampjuni mħallta għandhom jittieħdu minn kull qatgħa kif deskritt hawn taħt:

F'sistemi fejn hemm ċineg jew barraxa, dawn għandhom jitħaddmu fil-jum tat-teħid tal-kampjuni qabel jittieħdu l-kampjuni.

F'sistemi fejn hemm id-difletturi (apparat li jibdel id-direzzjoni) taħt il-gaġeġ u l-barraxa, il-feċi mħallta li jkunu weħlu mal-barraxa wara li tkun tħaddmet, għandhom jinġabru.

F'sistemi ta' gaġeġ imtarrġa fejn m'hemmx sistema ta' ċineg jew barraxa jinħtieġ li l-feċi mħallta jinġabru mill-fossa l-fonda.

Sistemi ta' ċineg għat-twaqqigħ tal-ħmieġ: jinġabar materjali fekali imħallat mit-truf taċ-ċineg.

#### 2.2.2.2. Teħid uffiċjali ta' kampjuni

- a) Teħid ta' kampjuni ta' rutina jkun kif deskritt fil-punt 2.2.2.1
- b) Teħid konfermattiv ta' kampjuni wara individwazzjoni tas-salmonella rilevanti minn kampjuni li jkunu ttieħdu mill-mafqas se jsir kif ġej:

Flimkien mat-teħid ta' kampjuni kif deskritt fil-punt 2.2.2.1, il-teħid ta' kampjuni jista' jinkludi kampjun ta' tajr meħud bl-addoċ minn kull binja tat-tajr fl-istabbiliment, normalment sa ħames tajra kull binja, sakemm l-awtorità ma tqisx li jinħtieġ kampjun b'numru ikbar ta' tajr. L-analiżi se tikkonsisti f'test għar-riċerka ta' anti-mikrobiċi jew ta' l-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji fil-kampjuni. Test ikun ikkonsidrat li falla jekk wieħed mit-tajr jinsab li hu pożittiv.

Fil-każ li l-preżenza tas-salmonella rilevanti ma tinsabx iżda jinsabu l-anti-mikrobiċi jew l-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji, jibqgħu jittieħdu kampjuni tal-qatgħa repetittivament sabiex jiġu ttestjati għas-salmonella rilevanti jew l-effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji sakemm ma jinstab l-ebda effett inibitorju tal-formazzjoni tal-batterji, jew sakemm il-qatgħa għat-tgħammir tinqered. Fl-aħħar każ, il-qatgħa għat-tgħammir tiġi kkunsidrata bħala qatgħa għat-tgħammir infettata għall-għan tal-mira Komunitarja.

- c) Każi sospetti

F'każi eċċezzjonali fejn l-awtorità kompetenti jkollha raġunijiet biex tissuspetta riżultati negattivi foloz fl-ewwel teħid ta' kampjuni uffiċjali fl-istabbiliment, jista' jittieħed kampjun uffiċjali konfermattiv ieħor, kompost minn feċi jew tajr (għall-individwazzjoni tas-salmonella fl-organi).

F'każi eċċezzjonali fejn l-awtorità kompetenti jkollha raġunijiet biex tissuspetta teħid ta' kampjuni falz imwettaq fuq l-inizjattiva ta' l-operatur ta' l-istabbiliment, jista' jsir teħid uffiċjali ta' kampjuni sussegwenti.

### 3. L-eżaminazzjoni tal-kampjuni

#### 3.1. Preparazzjoni tal-kampjuni

##### 3.1.1. L-inforri tal-qfief għat-tifqis

- a) qiegħed flitru li ssaħħan minn qabel sa temperatura ambjentali u ħawwad bil-mod;
- b) kompli l-koltura tal-kampjun billi tuża l-metodu ta' stħarriġ f' 3.2.

##### 3.1.2. Kampjuni tat-tajjar tal-buz:

- a) oħroġ il-par tajjar tal-buz (jew "kalzett") bil-galbu sabiex tevita li jinqala' materjal fekali imwaħħal u qiegħed f'225ml BPW li kien imsaħħan minn qabel sat-temperatura ambjentali.
- b) fejn ħames pari ta' tajjar tal-buz jkunu ngħaqdu f'żewġ kampjuni, qiegħed ħames kampjuni individwali f'minimu ta' 225ml BPW u assigura li l-kampjuni kollha jkunu mgħottija bil-BPW;
- c) ħawwad sabiex il-kampjun jixxarrab kompletament u kompli l-koltura permezz tal-metodu ta' stħarriġ fi 3.2.

##### 3.1.3. Kampjuni ta' materjal fekali ieħor:

- a) fil-laboratorju qiegħed kull kampjun (jew kampjun imħallat, fejn xieraq) f'piż indaq ta' BPW u ħawwad bil-mod;

- b) ħalli l-kampjun jirtab għal 10-15 minuta u imbagħad ħawwad bil-mod;
- c) immedjatement wara li tħawwad neħħi 50g tat-taħlita u żid sa 200ml BPW li kien imsaħħan minn qabel sat-temperatura ambjentali;
- d) kompli l-koltura tal-kampjun billi tuża l-metodu ta' stħarriġ f'3.2.

### 3.2. *Metodu ta' Stħarriġ*

Għandu jintuża l-metodu rakkomandat mill-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza għas-Salmonella f'Bilthoven, l-Olanda: il-metodu huwa modifika ta' l-ISO 6579 (2002), fejn sustanza semi-solidi (MSRV) tintuża bħala s-sustanza ta' arrikament selettiv unika. Is-sustanza semi-solidi għandha titpoġġa f'inkubatur f'41.5 +/- 1 °C għal  $2 \times (24 +/- 3)$  sigħat.

Fir-rigward tal-kampjuni tat-tajjar tal-buz u kampjuni ta' materjali fekali oħra msemmija fil-paragrafu 3.1, huwa possibbli li jingħaqad il-brodu inkubat ta' BPW ta' arrikament għall-użu f'kolturi futuri. Sabiex isir dan, iż-żewġ kampjuni għandhom jiġu inkubati fil-BPW bħalma jsir normalment. Neħħi 1ml ta' brodu inkubat minn kull kampjun u ħawwad sewwa, imbagħad neħħi 0.1 ml mit-taħlita u laqqam il-pjastri MSRV bil-mod normali.

### 3.3. *Klassifikazzjoni fuq il-bażi tas-serotipi*

Għallinqas iżolat wieħed minn kull kampjun pożittiv jkun ikklassifikat, skond l-iskema Kaufmann-White.

## 4. **Riżultati u rapportar**

Qatgħa għat-tgħammir tiġi kkunsidrata pożittiva għall-iskop tal-verifika tal-ksib tal-mira Komunitarja, meta l-preżenza tas-salmonella rilevanti (minbarra varjanti tal-vaċċin) tkun għet individwata f'wieħed jew aktar mill-kampjuni fekali (jew jekk hemm konferma sekondarja uffiċjali fl-Istat Membru, fil-kampjuni fekali rilevanti jew kampjuni ta' organi tat-tajr), li jkunu ttieħdu fl-istabbiliment. Dan mhux se japplika fil-każi eċċezzjonali ta' qatgħat għat-tgħammir sospetti fejn l-individwazzjoni tas-salmonella fl-istabbiliment fuq l-inizjattiva ta' l-operatur ma tkunx għet ikkonfermata minn teħid uffiċjali ta' kampjuni.

Jittieħed kont tar-riżultati kumulattivi minn teħid ta' kampjuni u ttestjar f'qatgħat għat-tgħammir fil-livell ta' l-istabbiliment, jiġifieri kull qatgħa għat-tgħammir se tingħadd darba biss irrispettivament min-numru ta' operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni jew ittestjar. Qatgħat għat-tgħammir pożittivi se jingħaddu darba biss, irrispettivament min-numru ta' operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni jew ttestjar.

Ir-rappurtar jinkludi:

- a) deskrizzjoni dettaljata ta' l-għażliet implimentati għall-iskema ta' teħid ta' kampjuni u t-tip ta' kampjuni li ttieħdu, kif jixraq;
- b) in-numru ta' qatgħat għat-tgħammir eżistenti u dawk ittestjati;
- c) ir-riżultati ta' l-ittestjar;
- d) spjegazzjonijiet dwar ir-riżultati, partikolarment dawk li jikkonċernaw każi eċċezzjonali.